Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Mejju 2019
(OR. en, de)

9327/19
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0355(COD)

CODEC 1086
SOC 363
EMPL 273
DIGIT 100

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv<br>- Dikjarazzjonijiet |

## Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva, il-Kummissjoni ser tirrevedi l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva tmien snin wara d-dħul fis-seħħ tad-direttiva, bil-ħsieb li tipproponi, fejn xieraq, l-emendi meħtieġa. Il-Kummissjoni, fir-rapport tagħha, timpenja ruħha li tagħti attenzjoni partikolari għall-applikazzjoni tal-Artikoli 1 u 14 mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni ser tivverifika wkoll il-konformità mal-Artikolu 14 meta jiġi vvalutat jekk l-Istati Membri ttrasponewx bis-sħiħ u b'mod korrett id-Direttiva fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom.

**Dikjarazzjoni mill-Ġermanja, appoġġata mill-Ungerija**

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ("il-Ġermanja") tixtieq tagħmel id-dikjarazzjoni li ġejja fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (aktar 'il quddiem imsejħa d-"Direttiva"):

Id-definizzjoni ta' relazzjoni tax-xogħol jew kuntratt ta' xogħol hija kruċjali għall-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

Matul in-negozjati, il-Ġermanja u bosta Stati Membri oħra flimkien kienu favur li ssir referenza għal-liġi nazzjonali tal-Istati Membri għal dan il-għan. Id-Direttiva tolqot il-parti ewlenija tal-liġi tax-xogħol individwali. L-istrutturi bażiċi f'dan il-qasam żviluppaw permezz ta' tradizzjoni fl-Istati Membri u jinkludu, b'mod partikolari, kif ir-relazzjonijiet tax-xogħol huma definiti u differenzjati minn relazzjonijiet legali oħra.

Fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva issa hemm referenza għal-liġi nazzjonali. Minn dan isegwi li huwa primarjament f'idejn l-Istati Membri biex jiddefinixxu r-relazzjoni tax-xogħol u għaldaqstant il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, f'konformità mar-regoli nazzjonali rispettivi tagħhom.

Il-Ġermanja tifhem li r-referenza fl-Artikolu 1(2) għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) hija relatata ma' dik il-ġurisprudenza tal-qorti biex tiġi żgurata l-effikaċja tad-direttivi. Skont dik il-ġurisprudenza, huma l-ewwel u qabel kollox l-Istati Membri li jiddefinixxu r-relazzjoni tax-xogħol, jekk id-direttiva inkwistjoni tirreferi għal-liġi nazzjonali. Dik id-diskrezzjoni hija limitata mill-fatt li l-Istati Membri ma jistgħux jeskludu b'mod arbitrarju ċerti kategoriji ta' persunal. Dan jiġi eżaminat mill-QĠUE f'kull każ individwali, fuq il-bażi tal-iskop tad-Direttiva partikolari.

Ir-referenza fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva ma timplikax li l-kunċett ta' relazzjoni tax-xogħol għandu jiġi interpretat b'mod uniformi fl-Unjoni kollha. Inkella, ir-referenza għal-liġi nazzjonali tal-Istati Membri titlef is-sinifikat. Dan jirriżulta wkoll mill-fatt li l-formulazzjoni dwar l-iżgurar ta' implimentazzjoni uniformi tħassret mill-premessa korrispondenti.

**Dikjarazzjoni mill-Estonja**

Proposta għal direttiva dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli tistabbilixxi l-aspetti ġodda għall-protezzjoni ta' tkeċċija mix-xogħol u l-oneru tal-prova għall-impjegaturi. Filwaqt li l-Estonja taqbel man-neċessità u l-importanza li tiġi pprovduta protezzjoni mit-tkeċċija għall-ħaddiema, aħna nemmnu wkoll li hemm ħtieġa qawwija li tingħata biżżejjed flessibbiltà lill-Istati Membri, li tippermettilhom li, meta jittrasponu d-Direttiva, iqisu s-sistemi u l-prattiki differenti tal-Istati Membri, b'mod speċjali l-fatt li s-sistemi tagħhom jipprovdu aktar protezzjoni lill-ħaddiema.

Il-leġislazzjoni nazzjonali Estonjana diġà tilħaq jew taqbeż il-livell ta' protezzjoni meħtieġ mid-Direttiva.

Il-leġislazzjoni Estonjana tirrikonoxxi biss raġunijiet limitati għas-sensja, stabbiliti mil-liġi. L-impjegatur għandu l-obbligu li jiġġustifika l-kanċellazzjoni tal-kuntratt tax-xogħol u anki waqt tilwim industrijali. L-impjegatur irid jagħti prova li r-raġunijiet għal tkeċċija kienu korretti u ġustifikati.

L-Estonja topponi bil-qawwa l-idea li impjegatur jitqies f'kull każ li qed jaġixxi b'mala fede, li qed jabbuża mil-limiti tal-liġi tax-xogħol. Dan joħroġ mill-paragrafi 3 sa 6 tal-Artikolu 18, li jassumu li l-impjegatur injora r-restrizzjonijiet meta keċċa lill-impjegat. Il-liġi tax-xogħol tal-Estonja hija bbażata fuq suppożizzjoni differenti, filwaqt li tipprovdi aktar protezzjoni u approċċ aktar pożittiv.

L-Estonja tappoġġa l-adozzjoni tad-Direttiva. Madankollu, l-Estonja ma taqbilx mal-approċċ li ttieħed fuq l-Artikolu 18 dwar il-protezzjoni kontra t-tkeċċija u l-oneru tal-prova. Aħna nqisu li l-protezzjoni meħtieġa mid-Direttiva hija ssodisfata fl-Estonja, abbażi ta' sistema ta' tkeċċija differenti. L-Istati Membri għandhom jitħallew jiddeċiedu u jirregolaw l-ispeċifiċitajiet rigward it-tkeċċija.

**Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka**

Id-definizzjoni ta' relazzjoni tax-xogħol jew kuntratt ta' xogħol hija kruċjali għall-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Matul in-negozjati, ir-Repubblika Ċeka, flimkien ma' għadd ta' Stati Membri oħrajn, irrakkomandat li ssir referenza għal-liġi nazzjonali tal-Istati Membri għal dan l-għan. Id-Direttiva tolqot il-parti ewlenija tal-liġi tax-xogħol individwali. Fl-Istati Membri individwali l-istrutturi bażiċi f'dan il-qasam għandhom għeruq storiċi, inkluż b'mod partikolari kif ir-relazzjonijiet tax-xogħol huma definiti u differenzjati minn relazzjonijiet legali oħra.

Fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva issa hemm referenza għal-liġi nazzjonali. Minn dan isegwi li l-ewwel u qabel kollox l-Istati Membri jiddefinixxu relazzjoni tax-xogħol, u għaldaqstant il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, f'konformità mar-regoli nazzjonali rispettivi tagħhom.

Mill-perspettiva tar-Repubblika Ċeka, ir-referenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tirreferi għall-ġurisprudenza tagħha biex tiġi żgurata l-effikaċja tad-direttivi. Skont din il-ġurisprudenza, huwa primarjament l-Istati Membri li huma responsabbli biex jiddefinixxu r-relazzjonijiet tax-xogħol fejn id-direttiva inkwistjoni tirreferi għal-liġi nazzjonali. Din id-diskrezzjoni hija limitata mill-fatt li l-Istati Membri mhumiex permessi jeżentaw b'mod arbitrarju ċerti kategoriji ta' persunal. Dan jiġi eżaminat mill-QĠUE f'kull każ individwali, abbażi tal-iskop tad-direttiva rispettiva.

Ir-referenza fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva ma timplikax li l-kunċett ta' relazzjoni tax-xogħol għandu jiġi interpretat b'mod uniformi madwar l-Unjoni. Inkella, ir-referenza għal-liġi nazzjonali tal-Istati Membri titlef is-sinifikat. Dan jirriżulta wkoll mill-fatt li s-suppożizzjoni ta' implimentazzjoni uniformi tħassret mill-premessa 8 korrispondenti.